**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 110 – IT-TNEJN, 15 TA' OTTUBRU 2018 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Dominic Cassar | Kunsillier |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużati

| | |
|---|---|
| Rita Saliba | Kunsillier |
| Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| Trevor Fenech | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 109**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti mtella mill-Minuti 109**

2.1 Fil-paragrafu 5.10 ġiet innutata li d-data tal-ftuħ tal-picnic area inbidlet għall-20 ta' Ottubru 2018.

2.2 Dwar paragrafu 6.1 kien hemm qbil li ssir il-U Bollard fi Triq il-Fuxa kantuniera ma' Triq Santa Margerita.

**3 Pagamenti Numru 97**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm 4 favur u 1 astensjoni. Ġie deċiż ukoll li jinħareġ il-pagament tal-Premier Business, imma tinħareġ default notice dwar nuqqas ta' żbir tas-siġar, nuqqas tal-work plan, u nuqqas ta' ħaddiema fuq il-lant tax-xogħol u s-supervisor.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku

4.1 Kien hemm qbil li l-ftuħ tal-picnic area isir fl-20 ta' Ottubru 2018. Għandu jiġi stampat u mqassam fuljett għal din l-okkażjoni.

4.2 Kien hemm qbil li jsir l-ewwel pagament bħala deposit ta' 2500 Ewro għall-guva li ser issir fil-Ġnien Santa Margerita.

4.3 Ġiet innutata talba mis-Sur Joseph Sammut, kandidat għal MEP biex jiltaqa' mal-Kunsill.

4.4 Kien hemm qbil li jsir il-ħlas lis-Sur Tony C Cutajar għal xogħlijiet li sar minnu fuq il-Ħuġġieġa.

4.5 Għandha ssir laqgħa mar-rappreżentanti tal-GoTo dwar l-parkeġġi li ser jintużaw għal dan il-proġett. Il-Kunsill għandu jerġa' jitkellem biex jieħu pożizzjoni.

4.6 Wara diskussjoni ma' Wasteserv u GreenPak, il-Kunsill ġie nfurmat li l-ġbir tal-borża l-ħadra ser jibda jinġabar il-Ġimgħa minflok il-Ħamis. Il-Kunsill ma kienx favur din, imma dan ġie impost fuq il-Kunsill. Ġie innutat ukoll li ħafna mir-residenti ma rċevewx il-barmil tal-organic minn Wasteserv.

4.7 Il-Kunsill ġie nfurmat li waqgħet fergħa ta' siġra fi Triq Bella Vista fuq karozza li kienet għaddejja. Dan qed jitlob kumpens. L-insurance tal-Kunsill ġie nfurmat u saret claim.

## 5 Korrispondenza

5.1 Kien hemm qbil li tiġi aċċettata l-kwotazzjoni għal kurċifiss kbir għal użu barra bi prezz ta' 280 Ewro +VAT.

5.2 Kien hemm No objection għal programm ta' car wash mill-Għaqda Filarmonika Madonna ta' Lourdes.

5.3 Kien hemm qbil li jinxtraw aktar vouchers biex jiġu neutered l-istray cats.

5.4 Kien hemm qbil li tiġi ordnata skip biex jinġabar l-iskart minn Wied Għomor.

5.4 Ma kienx hemm qbil biex isiru disabled u alighting bays fi Vjal ir-Riħan barra mill-iskola primarja.

5.5 Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu sehem fil-Christmas Market li ser issir fl-iskola. Kien hemm qbil li jiġu ordnati l-gazebos mill-MTA bħala kumpens għall-iskola għal meta jintuża il-premises waqt korsijiet fis-sajf u għal keep fit.

5.6 Kien hemm diskussjoni dwar proposta ta' TM għal traffic management f'Misraħ Ċentawrija. Għandu jsir aktar komunikazzjoni ma' TM dwar dan.

5.7 Kien hemm qbil li tiġi aċċettata l-kwotazzjoni għal 10 bins ġodda.

5.8 Wara diskussjoni dwar il-kandidati għal postijiet ta' skrivani, is-Sur Bonello Du Puis ippropona li jiġi magħżul Dylan Baldacchino. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm 3 favur u 2 astjenew.

5.9 Kien hemm qbil li jsir poster għal keep fit classes.

5.10 Għandu jintalab għal aktar kjarifika mat-TCTC dwar il-proposti għal korsijiet tal-kompjuter. Dawn il-korsijiet għandhom isiru fl-Uffiċċju tat-TCTC fin-Naxxar.

6641

## 6 Affarjiet Oħra

6.1 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex issir urgenti parti żgħira tal-bankina fi Triq Felice Borg minħabba li hemm persuna bi bżonnijiet speċjali. Kien hemm qbil. Hi lmentat ukoll li hemm siġra fil-privat li qed toħroġ għal fuq il-bankina.

6.2 Is-Sur Dominic talab biex jigu definiti l-konfini tal-Kunsill fi Triq il-Propostru. Hu lmenta wkoll fuq il-mitħna u dwar il-bank fi Triq il-Fuxa. Kien hemm qbil li jiġi mwaqqaf id-depożitu tal-PA tal-kuntrattur.

6.3 Is-Sinjura Marica Bayliss ilmentat dwar is-siġar li hemm fl-Ambaxxata Russa li ħerġin għal fuq it-triq. Is-Sindku għandu jagħmel kuntatt mal-Ambaxxatur. Hi talbet ukoll biex tibda l-applikazzjoni għal fish pond.

## 7 Għeluq il-Laqgħa

7.1 Il-laqgħa spiċċat fit-8.00pm. Ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 29 ta' Ottubru 2018 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**